MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 17/2007/1

**Charles Thorne u Clyde Thorne**

**vs**

**John Mallia Borg u martu Felicienne Mallia Borg**

**Il-Qorti,**

Filt-25 ta’ Marzu, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat it-22 ta’ Jannar tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:
>
> 1. Illi jhallsu s-somma ta’ erbat elef, tlett mija, wiehed u disghin Lira Maltin, (LM4,391.00,0),

rrapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovuti ghall-konsenja u l-bejgh ta' oggetti tad-deheb u hagar iehor prezzjuz fuq inkarigu taghhom stess;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali u tal-mandat ta' sekwestru bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimati datata l-20 ta' Frar tas-sena 2007 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom;

2. Illi l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontradittturi stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u dan peress li l-ftehim dejjem sar bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' en nom collectif Mallia Borg & Co u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi s-socjeta' en nom collectif Mallia Borg & Co ghandha tigi kjamata fil-kawza peress illi hija s-socjeta' Mallia Borg & Co li taghha l-eccipjenti huma diretturi li kienet tixtri u thallas fil-pront ghal oggetti tad-deheb minghand ir-rikorrenti. Illi sussegwentement inbidel il-ftehim u l-hlas beda jsir meta l-oggetti jinbieghu mis-socjeta' Mallia Borg & Co u mhux mal-konsenja. Numru ta' oggetti gew konsenjati lura lir-rikorrenti peress li dawn ma nbieghux mis-socjeta' en nom collectif Mallia Borg & Co;

4. Illi mnghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma reklamata mir-rikorrenti ma hijiex dovuta fl-intier taghha hlief ghas-somma ta' elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), u dan skond ma jirrizulta mill-

porspett li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument MB 1;

5. Illi l-eccipjenti nomine ghandhom fil-pussess taghhom numru ta’ crieket, colliers u display tad-deheb u hagar prezzjuz li s-socjeta’ Mallia Borg & Co. ma rnexxilhiex tbiegh u r-rikorrenti gew interpellati sabiex jigbruhom izda sal-lum baqghu ma gabruhomx;

6. Illi l-eccipjenti nomine bhala diretturi tas-socjeta’ en nom collectif Mallia Borg & Co ghadhom ma thallsux is-somma ta’ seba’ mitt Lira Maltin, (LM700.00,0), rapprezentanti drittijiet dovuti lilhom ghall-valutazzjoni li huma kienu ghamlu fuq inkarigu tar-rikorrenti. Illi ghalhekk l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti. Illi ghalhekk l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti huwa ta’ tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), u dan skond ma jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dokument MB 1;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat is-6 ta’ Novembru tas-sena 2007 li permezz tieghu t-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet giet limitata ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Rat il-verbal tal-partijiet datat it-23 ta’ Jannar tas-sena 2008 li permezz tieghu awtorizzaw lill-qorti biex tghaddi ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi din l-eccezzjoni sollevata mill-intimati hi limitata ghall-fatt li huma ma humiex il-legittimi kontradittturi stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma ndirizzati direttament u personalment fil-konfront tal-konjugi Mallia Borg, l-intimati;

Illi l-pretensjoni tar-rikorrent hi naxxenti minn negozju li l-istess rikorrenti ikkonkluda ma l-intimat li jiggestixxi hanut tad-deheb fi Triq Santa Lucija, il-Belt;

Illi skond l-intimat, il-ftehim li l-intimat ikkonkluda kien ma’ Clyde Thorne u mhux mal-ko-rikorrenti Charles li jigi missieru;

Illi l-intimat jahdem taht il-kumpanija Mallia Borg and Company Limited, (ara fol 28), u r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda tajba;

Illi qabel l-intimat kien jiggestixxi l-istess hanut flimkien ma’ huh izda f’dan il-perjodu ma kien hemm l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li meta l-intimat ha l-gestjoni tal-hanut de quo f’idejh u beda mill-ewwel jiggestixxi l-istess megozju that l-isem tal-kumpanija fuq indikata, li taghha huwa direttur;

Illi ghaldaqstant, ir-relazzjoni kummercjali li seta’ kien hemmb ejn l-intimat Mallia borg u r-rikorrenti kienet wahda naxxenti mill-fatt li l-intimat, ghalkemm fizikament prezenti u firmatarju, kien biss qed jagixxi f’isem is-socjeta’ ta’ liabilita’ limitata ndikata qabel u qatt ma agixxa f’ismu proprju bhala persuna fizika;

Illi ghaldaqstant, tilqa’ l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimati u tiddikjara li l-intimati John u Felicienne Mallia Borg ma humiex il-legittimi kontradritturi peress li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**”**

L-appell ta’ l-atturi huwa dirett biex jikkwerela d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti li ma humiex il-legittimi kontradditturi;

L-indagini ssuggerita mill-obbjezzjoni devoluta tirrigwarda l-verifika mill-Qorti jekk il-persuna mharrka kienetx materjalment parti fin-negozju li kkreja r-relazzjoni guridika li minnha tnisslet l-azzjoni;

Kif inhu maghruf, u kif din il-Qorti, sa recentement hafna, kellha okkazjoni tirriafferma “indubbjament, in linea ta’ principju, relazzjoni negozjali jew guridika tiddixxendi minn qaghdiet diversi ta’ dritt. Sija jekk minn kontrattazzjoni jew minn intervent delittwuz jew kolpuz, sija b’effett ta’ successjoni jew minn sitwazzjoni strutturali komuni ad ezempju, fil-kondominju. Indistintament, dawn il-qaghdiet potenzjalment jipproducu dawk l-effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar” (“**Anthony Farrugia *et* -vs- Joseph Spiteri *et***”, Appell Ghawdex, 9 ta’ Lulju, 2008);

Fil-kaz prezenti r-relazzjoni negozjali ghandha rabta ma’ kontrattazzjoni ta’ xoghol fuq id-deheb u l-bejgh ta’ l-istess mill-atturi lill-konvenut biex jigu zmercati mill-hanut tieghu. Il-kwestjoni fundamentali hi, ovvjament, jekk f’din l-istess kontrattazzjoni l-konvenut ikkontrattax f’ismu jew mill-kumpanija tieghu “Mallia Borg & Co.”

L-ewwel Qorti jidher li rrizolviet il-kwestjoni eskluzivament fuq il-konsiderazzjoni illi, gjaladarba l-konvenut ha taht idejh il-gestjoni tal-hanut wara li sar il-proprjetarju ewlieni tieghu, *ergo*, u *quod erat demonstrandum*, kull relazzjoni kummercjali naxxenti ma setghetx hlief kienet wadha f’isem il-kumpanija fuq imsemmija;

Bir-rispett dovut dan ir-ragonament huwa pjuttost superficjali in kwantu jitraskura ghal kollox aspetti guridici bazici tat-tematika taht konsiderazzjoni. Primarjament, ir-regola konsidrata fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi "bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikontratta f'isem haddiehor" ("**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999);

Is-sentenza fl-ismijiet "**Bernard Attard -vs- Raymond Cassar Torreggiani**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Novembru, 1966 taghmel taghha, b'approvazzjoni, din is-silta mit-**Tartufari** ("**Della Rappresentanza nella Conlcusione dei Contratti**", para. 41, pagna 60), "*ove alcuno, nel contrattare per conto ed interessi di altri, non abbia in alcun modo dimostrato di volerlo fare eziando in nome dell'interessato, od abbia altrimenti, in modo espresso o tacito, lasciato intendere al terzo la volonta di agire in nome proprio, è inammissibile da parte sua qualunque eccezione che piu` tardi volesse trarre da un preteso disaccordo fra la volonta vera u quella apparente, quand'anche potesse dimostrare aveva avuto realmente in animo di agire non in proprio ma solo in qualita` di rappresentante.*";

U s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali tat-2 ta' Dicembru, 1999 in re: "**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***" tkompli tinkalza bir-ragonament segwenti:-

"L-appellanti (il-konvenuti f'dak il-kaz) kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta` gestita minnhom imma wkoll li fil-mument li sar tali negozju s-socjeta` attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min pogga l-ordni maghha u min maghha kkonkluda n-negozju kien qieghed f'dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u unikvolu illi f'dik il-

kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben indentifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghax altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kkontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta";

Minn ezami tal-fatti l-aktar sostanzjali f'dan il-kaz kellu jkun bil-bosta evidenti illi dawn ma kellhomx iwasslu ghar-*ratione decidendi* li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Bizzejjed jigi rilevat illi l-fatturi esebiti a fol. 20 u 21 juru isem il-konvenut u huma min dan iffirmati. Xejn ma jindika mill-provi illi l-atturi kienu xjenti mill-fatt illi l-konvenut kien qieghed jagixxi f'isem xi socjeta`. Jekk meta kkontratta, il-konvenut kellu l-intenzjoni li qed jinnegozju ghan-nom tal-kumpnija tieghu succitata, dan l-intendiment tieghu ma kkomunikahx lill-kontroparti u xejn ma kellu jkun prezunt illi l-atturi kienu ragonevolment jafu illi d-debitur taghhom ma kienx il-konvenut personalment imma l-kumpanija tieghu;

Kif gje sewwa osservat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Mejju, 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio maghruf bhala Savio Spiteri *et***", "il-prova dokumentarja allura kienet pjenament tiggustifika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi msahha mill-affermazzjoni guramentata ta' l-istess attur illi sal-mument meta pprezenta c-citazzjoni, hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju fejn gie konsenjat ix-xoghol bl-isem ta' xi socjeta`. Il-qawwa tal-prova skritta kienet allura tirrikjedi prova ferm aktar solida biex jigi stabbilit il-kontra ta' dak li minnha jirrizulta. Certament ma kienx bizzejjed illi l-appellanti (il-konvenut) jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cioe l-ezistenza tas-socjeta` *qua* gestitrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terzi fosthom lill-appellat (l-attur)";

Konsiderati l-fattispeci f’dan il-kaz, kull kumment agguntiv minn din il-Qorti ghar-riflessjonijiet tal-Qorti ta’ l-Appell Superjuri fl-estratt riportat ma jistax ma jkunx superfluwu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispjjez jitbatew mill-konvenuti appellati.  L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni u decizjoni minnha tat-talba ta’ l-atturi u ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra ghaliha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------